MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 525/2014

**Fl-atti tal-ittra ufficjali Numru 1633/2014 fl-ismijiet:**

**Dr. Miloslav Sitar (ID16202A)**

**vs**

**Coasts Investments Ltd (C-23522)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Coasts Investments Ltd (C-23522) tat-18 ta'Gunju 2014 li jaqra hekk:

*"Illi dan ir-rikors qieghed jigi ppresentat ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi s-socjeta' Coasts lnvestments Limited giet notifikata bl-ittra ufficjali fuq citata, u dan, biex tigi resa esekuttiva kambjala datata 9 ta' Novembru 2000 ffirmat mill-esponent.*

*Illi l-ewwelnett, qed jigi dikjarat illi l-esponent mhux qed jikkontesta l-quantum tat-talba ta' Charles Pantalleresco.*

*Illi in linea preliminari din l-azzioni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 542 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta illi tipprovdi kif gej:*

> *"Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 238, 239 u 263,* ***l-azzjonijiet li gejjien minn kambjali*** *jew minn biljetti negozzjabbli jew promissory notes, jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin minn dak in-nhar li jaghlqu... .."*

*Illi certament l-azzjoni illi qieghed jippromuovi l-mittent Dr Miloslav Sitar, u cioe', dik ai termini tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkonsisti f'azzioni illi gejja minn kambjala, u kwindi ghandha tigi meqjusa preskritta ab initio, kif ser jirrisulta mill-provi.*

*Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzioni istitwita hija wahda illecita stante illi t-talba hija vizziata b'uzura, kif ser jigi ppruvat.*

*Ghaldaqstant prevja kull provvediment, l-esponenti umilment titlob illi ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, Dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna s-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala fl-intier taghha u minghajr garanzija, kollox kif intqal fuq, u ghar-ragunijiet premessi.*

*Bl-ispejjez kontra l-mittent Dr. Miloslav Sitar."*

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Gunju 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal-Erbgha, 4 ta'Lulju 2014 fl-10:30am;

Rat illi l-atti tar-rikors, digiret u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lil partijiet skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi Dr.Miloslav Sitar baqa' kontumaci;

Rat illi xehed bil-gurament Alex Zammit ghas-socjeta' Coasts Investments Limited;

Rat id-digriet tagħha tat-Tnejn 6 t'Ottubru 2014, li bih akkordat lil Dr.Miloslav Sitar terminu ta' ghaxart' (10) ijiem zmien sabiex iressaq s-sottomissjonijiet, ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi Dr.Miloslav Sitar ma ressaq ebda sottomissjoni;

Rat illi ghalhekk ma jezisti ebda ostakolo sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Illi ghaldaqstant, fil-kontumacja ta' Dr.Miloslav Sitar, u fid-dawl tal-inadempjenza tieghu ghall-fakolta moghtija minn din il-Qorti li jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, u fid-dawl tax-xhieda guramentata ta' Alex Zammit, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' Coasts Investments Limited ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, billi tordna s-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala fl-intier taghha u minghajr garanzija, kif mitlub.

Bl-ispejjez kontra Dr.Miloslav Sitar

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------